bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Neville Xuereb)
vs
Kwan Yiu Ming, imwieled Hong Kong fl-20 ta' settembru, 1951

Illum, 30 ta' mejju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fid-29 ta' mejju, 2002 u fil-jiem ta' qabel din id-data rċieva żewġ passaporti li ġew trasferiti lilu minn persuni oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra li tagħti l-piena skond il-Liġi tiddikjara lill-imsemmija persuna bħala mmigrant projbit u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Tneħħija kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' mejju, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 3(b) tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum. Rat l-artikolu 15 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjarah immigrant projbit u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Tneħħija kontra tiegħu minn dawn il-Gżejjer.